TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 34/16/F

**Marlon Vassallo**

**vs**

**MP Fashion Ltd - Bata**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Frar, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sebgħa u sittin ewro u dsatax-il ċenteżmu (€67.19), rappreżentanti l-prezz ta' żarbun li marlu l-kulur.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa xtara żarbun għall-prezz ta' sebgħa u sittin ewro, u dsatax-il ċenteżmu (€67.19) mingħand id-ditta intimata, u wara ftit ħarġitlu tebgħa fil-wiċċ taż-żarbun u taħt il-lazz marlu l-kulur.

L-intimat issottometta li dan ġara tort tar-rikorrenti għax iż-żarbun ma jiffejdjax waħdu.

It-Tribunal, wara li ra ż-żarbun u r-ritratti, jikkonkludi illi ż-żewġ tebgħat li hemm fuq wiċċ iż-żarbun huma riżultat ta' xi aċċident li ġara fuq iż-żarbun, u mhux riżultat tat-tort tas-soċjeta' ntimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888